# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 552/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jacqueline Fenech**

Illum 13 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Jacqueline Fenech**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 655863(M)**,** akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004 u matul l-aħħar erba' xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ġo San Ġiljan u fi bandi oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti:

a. biegħet jew offriet li tbiegħ droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*) kontenenti s-sustanza *methylenedioxyamphetamine* li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kellha l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex tkun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b. fl-istess żmien, data u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha mediċina ristretta u psikotropika meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif ssussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

c. fl-istess żmien, data u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha mediċina ristretta u psikotropika meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

d. kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2015, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) u 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17(f), 17(h) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja ta' imputazzjoni (a), (b), (c) u (d) kif dedotti kontra tagħha u kkundannatha piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija u multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950) li, applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-imputata b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn meta l-imputata tiskonta l-piena ta' priġunerija li ġiet erogata bis-sentenza u għal dan il-għan ir-Reġistratur kellu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karċerarji b'dan illi f'każ illi l-imputata kienet ser tonqos li tħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Finalment, *stante* li ma ġewx maħtura esperti fil-proċeduri, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-16 ta' Diċembru 2015 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"timmodifika s-sentenza mogħtja nhar l-4 ta' Diċembru 2015 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn illiberatha mill-obbligu għal ħlasijiet konnessi ma' ħatriet peritali, tħassarha f'dik il-parti fejn hija ġiet ikkundannatha għal perjodu ta' għaxar (10) xhur priġunerija effettiva oltre l-ħlas ta' disa' mija u ħamsin Euro (EUR 950) u konsegwentement tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi, salv kull provvediment ieħor xieraq u opportun."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 (*a fol.* 214) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellanti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietha quddiemha l-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fil-5 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 251) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellanti ntemm b'suċċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju tal-appellanti f'dan il-każ huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Hija tisħaq li din il-piena hija waħda eċċessiva u dan minkejja li hija fil-parametri stabiliti fil-liġi. Tgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tindika b'liema mod ir-riduzzjoni *ai termini* ta' Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kienet ser tkun riflessa fil-komputazzjoni tal-piena. Tgħid li l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tgħid kif il-piena kienet ser tonqos minħabba t-trapass taż-żmien u li t-tul fil-proċeduri żgur li ma taħtix għalih hi li kkooperat bis-sħiħ kif tgħid l-istess Prosekuzzjoni. Tisħaq li l-fedina penali tagħha ma kinitx waħda

allarmanti u li l-piena għandha tkun waħda eqreb lejn il-*minimum* u li tkompli tinkoraġixxi l-iżvilupp li minn jeddha qegħda tagħmel. Tgħid li dan kollu jista' jiġi kkonfermat permezz ta' *Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tagħha.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qieset li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li l-appellanti kellha tibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli permezz ta' Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, b'żewġ gradi. Apparti minn dan, l-Ewwel Qorti qieset ukoll li r-reat ikkontemplat f'imputazzjoni (ċ) bħala kompriż u nvolut fir-reat ikkontemplat f'imputazzjoni (b) u li r-reat mertu ta' imputazzjoni (b) bħala mezz għall-fini sabiex seta' jiġi kommess ir-reat mertu ta' imputazzjoni (a) *ai termini* ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti applikat ukoll id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' imputazzjoni (a) u (d). Dawn l-artikoli ġew kollha msemmija fid-*decide* tas-sentenza appellata u b'hekk ġew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta waslet biex teroga l-piena fil-konfront tal-appellanti. Dwar dan u meħud in konsiderazzjoni dak li l-appellanti ġiet misjub ħatja tiegħu mill-Ewwel Qorti u tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ma għandha xejn x'tiċċensura fir-rigward tal-piena mogħija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti.

Illi pero' għandu jingħad li wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellanti f'dawn il-proċeduri, l-appellanti talbet li *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 122 *et seq.*), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 214) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellanti kien intemm b'suċċess (*a fol.* 251). Dan ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravju rigward il-piena.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti li ġew pruvati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellanti;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanti jirrisalu għas-sena 2004 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depozizzjoni mogħtija minn Justin Fenech (*a fol.* 164 *et seq.*), Dr. Moses Camilleri (tabib mal-Aġenzija Sedqa – *a fol.* 209 *et seq.*) u mill-appellanti Fenech innifisha (*a fol.* 216 *et seq.*) u kif ukoll dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina (*a fol.* 107 *et seq.*) u mill-Psikologa Dr. Roberta Holland (*a fol.* 201 *et seq.*) u mis-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 110 *et seq.*) u mir-rapport immarkat bħala Dok. "RH" (*a fol.* 177 *et seq.*) redatt minnhom rispettivament, ilkoll mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament

preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellanti li ntemm b'suċċess;

- il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga apparti li nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-appellanti kienet qed issegwi l-*care plan* b'mod pożittiv, informa lill-Qorti wkoll, fost l-oħrajn, li l-Fondazzjoni Caritas kien qalu hekk (*a fol.* 242):

> *"Ms. Jacqueline Fenech (0655863M) hija persuna li qed iżżomm konsistenza kemm fl-appuntamenti individwali mal-keyworker tagħha Ernest Cherrett u saħansitra tħalli kampjuni negattivi għak kull sustanza illiċita darba fil-ġimgħa taħt sorveljanza ta' staff femminili.*
>
> *8 ta' Novembru 2021*
>
> *Ms. Jacqueline Fenech iżżomm l-appuntamenti tagħha biex tagħti kampjun tal-urina taħt superviżjoni ta' staff femminili darba kull sebat ijiem. Kull kampjun qed jirriżulta fin-negattiv għal kull sustanza illiċita. Apparti minn hekk tibbenifika mis-servizz terapewtiku li qed jgħinha ħafna biex tibqa' lil hinn mill-vizzju tad-droga.*
>
> *17 ta' Jannar 2022*
>
> *Ms. Fenech iżżomm konsistenza ta' darba fi ħmistax kemm bħala sessjonijiet individwali u kemm bħala kampjuni tal-urina, liema kampjuni qed jirriżultaw fin-negattiv għal kull sustanza illicita."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti hija kandidat idoneu sabiex fil-konfront tagħha jiġu applikati d-dettami ta' Artikolu 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellanti ġiet

misjuba ħatja kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għall-waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti tħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, l-aggravju tal-appellanti qed jiġi milqugħ fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Jacqueline Fenech u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja ta' imputazzjoni (a), (b), (ċ), u (d);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet ikkundannata tħallas multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950) u fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din setgħet titħallas bil-mod kif imsemmi fis-sentenza appellata b'dan illi f'każ illi l-appellanti tonqos li tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet ikkundannata għaxar (10) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellanti għall-perijodu ta' disa' (9) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellanti nstabet ħatja tagħhom f'dawn il-proċeduri m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**